# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

## DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa b'urġenza Numru 51

4 ta' April, 2023

Il-Kunsilli Lokali Ta' Sannat ltaqa' għal din il-laqgħa b'urgenza. Din il-laqgħa bdiet fis-2.05 ta' wara nofsinhar.

PREŻENTI:

Philip Vella – Sindku
Frances Galea – Viċi Sindku
Clayton Tewma – Kunsillier (b'mod virtwali)
Joseph Bajada – Kunsillier
Steven Gauci – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

n/a

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Jason Curmi – Segretarju Eżekuttiv

AĠENDA 51

51.1 Qari tal-ittri ta’ apoloġiji;
51.2 Evalwazzjoni w Aġġudikazzjoni tal-Offerti SNTLC 02/2023, SNTLC 03/2023, SNTLC 04/2023.

## Minuti

Is-Sindku Philip Vella ippresieda l-laqgħa li bdiet fis-2.05 p.m. b'talba.

## 51.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija

51.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apologija.

## 51.2 Evalwazzjoni w aġġudikazzjoni tal-Offerta SNTLC 02/2023, SNTLC 03/2023, SNTLC 04/2023

51.2.1 Is-Sindku qal li kellu jsejjaħ din il-laqgħa b'urġenza biex jgħaġġel il-proċess tal-għażla tal-offerti mixħuta għal xogħolijiet li jridu jitwetqu fis-sala tal-Każin tas-Soċjeta Mużikali Santa Margerita permezz ta' fondi ewropeja taħt Miżura 4 fejn l-Kunsill Lokali ħareġ 2 offerti u kwotazzjoni separatament.

Dwar l-offerta SNTLC 02/2023 għal-electrical works, Airconditioning and Audio System, il-Kunsill irċieva 4 offerti, fejn il-bord kompost apposta evalwa w aġġudika din l-offerta, u qed jirrakomanda dik ta' Rupert Zammit għal prezz ta' €34745.25 (VAT eskluża) u li din kienet l-irħas u konformi ma' l-espressjoni tal-interess, għalkemm il-bord qal li din kienet 9.6% mill-istima ta' din l-offerta. Il-Kunsill qabel ma din ir-rakkomandazzjoni.

Dwar l-offerta SNTLC 03/2023 għall-refurbishment of Saint Margaret Band Club, din l-offerta kien hemm offerent wieħed li bgħat offerta fuq parti waħda biss ta din l-offerta. Din ġiet evalwata w aġġudikata mill-board fejn qal li din il-parti kienet overbudget. Is-Sindku qal li kif qal fil-laqgħa preċedenti hu għadu bl-istess fehma li din l-offerta terġa toħroġ. Il-Kunsill qabel ma dan.

Dwar l-kwotazzjoni SNTLC 04/2023 għal xiri ta' siġġijiet għas-sala tal-każin tal-banda, għal din il-kwotazzjoni kien hemm ħames offerenti fejn l-bord kompost evalwa u aġġudika din il-kwotazzjoni. Il-bord qed jirrakomanda lil Rausi Company Ltd għal prezz ta' €4900.00 (VAT eskluża) u li kienet l-irħas u konformi ma' l-espressjoni tal-interess. Il-Kunsill qabel ma din ir-rakkomandazzjoni.

32.2.3 Din il-laqgħa spiċċat fis-2.12 p.m.

Konfermati, illum 11 ta' April 2023

| | |
|---|---|
| **(iffirmata)** | **(iffirmata)** |
| Philip Vella | Jason Curmi |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |